MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 190/2009

**Cassar & Cooper (Real Estates) Limited**

**Vs**

**John Bernard u Henriette konjugi Dougall**.

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-atti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009 fejn is-socjeta rikorrenti eccepiet is-segwenti:-

"*Illi s-socjeta Cassar & Cooper (Real Estate) Limited intavolat Ittra Ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sbatax ta' Frar 2009 fil-konfront tal-esponenti li permezz taghha nterpellathom sabiex ihallsu s-somma ta' elf disa' mija u tlettax il-euro u sitta u tletin euro centezmu (€1,913.36) rapprezentanti prezz ta' servizzi resi bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-istess esponenti.*

*Illi jirrizulta mill-korp tal-att gudizzjarju msemmi li l-kontenut mhux konfermat bil-gurament mill-kreditur kif titlob il-ligi.*

*Illi dan in-nuqqas huwa insabbli u jgib in-nullita tal-att milqut bih.*

*Illi ghalhekk l-Ittra Ufficcjali fl-ismijiet hawn fuq premessi hija nulla, monka u minghajr ebda effett fil-ligi.*

*Illi ghalhekk konsegwentement talbet ai termini tal-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 li:-*

*1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh fi zmien gimghatejn kif jitlob l-istess Artikolu 166A (5) tal-Kap 12;*
*2. Tiddecidi u tiddikjara li l-Ittra Ufficcjali fl-ismijiet fuq imsemmija bin-numru 806/2009 tippekka mir-rekwiziti a tenur tal-Artikolu 166A (2) tal-Kap 12;*
*3. Tiddecidi u tiddikjara li konsegwentement l-Ittra Ufficcjali de quo hija nulla u bla ebda effett fil-ligi;*
*4. Thassar u tirrevoka l-imsemmija Ittra Ufficcjali ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dan previa kull provediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*
*5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata li hija ngunta 'n subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Mejju 2009 fejn din il-Qorti laqghet l-ewwel talba attrici u appuntat r-rikors ghas-smiegh w ordnat ukoll li l-atti tal-Ittra Ufficcjali 806/2009 jigu allegati ma dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tas-socjeta Cassar & Cooper (Real Estate) Ltd kif prezentata fl-atti nhar it-tmienja (8) ta' Gunju 2009 fejn eccepiet is-segwenti:-

*"Illi r-rikors tal-intimati qed isir ai termini tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament a tenur tal-artikolu tal-paragrafu (ii) tas-sub artikolu pre citat.*

*Illi l-Ittra Ufficcjali surreferita li giet debitament ipprezentata fis-sbatax (17) ta' Frar 2009 u notifikata lill-intimati fl-ghoxrin (20) ta' Frar 2009 giet reza ezekuttiva a*

*tenur tal-artikolu 166A (4) wara li l-intimati m'opponewx it-talba kontenuta fl-istess ittra fi zmien tletin jum kif previst mill-ligi.*
*Illi ghalkemm l-intimati m'opponewx ghat-talba fit-terminu previst mill-ligi kif inghad, permezz tar-rikors odjern qed isostnu li l-ittra imsemmija hija nulla u bla effett peress illi skond huma, l-kontenut taghha ma giex konfermat bil-gurament mill-kreditur, kif titlob l-ligi senjatament l-artikolu 166(A)(2) tal-Kap 12.*

*Illi bir-rispett, it-tezi tal-intimati hija ghal kollox infondata w insostenibbli 'n kwantu huwa evidenti mill-korp tal-istess Ittra Ufficcjali li l-kontenut taghha gie konfermat bil-gurament f'isem il-kreditur mill-avukat sottoskritt fis-sbatax (17) ta' Frar 2009 quddiem il-Kummissarju ghall-guramenti, il-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina.*

*Illi ghalhekk l-Ittra Ufficcjali surriferita tissodisfa pienament l-htigijiet stiputali fl-artikolu 166A (A) inkluz dawk fis-subartikoli (1)(2) u (3).*

*Ghaldaqstant is-socjeta esponenti tissottometti umilment u bir-rispett li t-talbiet tal-intimati ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess intimati w zzomm ruhha disposta illi tipprovdi ulterjorment fl-udjenza tal-ghaxra (10) ta' Gunju 2009 jekk ikun il-kaz jew jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun."*
Rat in-nota tar-rikorrenti esebita fl-atti waqt l-udjenza tal-ghaxra (10) ta' Gunju 2009 li permezz taghha huwa pprezenta zewg dokumenti li gew markati bhala Dok. 'A' u Dok. 'B' li huma l-Ittra Ufficcjali li rcevew l-istess rikorrenti u estratt mill-Memorandum of Articles tas-socjeta intimata.

Ikkunsidrat:-

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tannulla t-titolu ezekuttiv li ghandu l-intimat peress illi fil-fehma tieghu, l-att ma giex guramentat mill-kreditur kif titlob il-ligi. Sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu, huwa pprezenta l-kopja tal-Ittra Ufficcjali li rcieva min fejn jirrizulta li l-att gie effettivament konfermat bil-gurament minn certu Anthony Cauchi detentur ta' karta tal-identita numru 456049M

(tergo Dok. ‘B’) u skond il-Memorandum and Articles tas-socjeta ntimata, din il-persuna m’ghandhiex ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta ntimata.

Is-socjeta ntimata minn naha l-ohra tghid li l-Ittra Ufficcjali li saret ai termini tal-artikolu 166A, giet konfermata minn Dr Roderick Zamit Pace detentur ta’ karta tal-identita numru 460073M kif hemm indikat fir-rikors stess. L-avukat difensur tas-socjeta ntimata attira l-attensjoni tal-Qorti wkoll ghal wara ta’ din l-Ittra Ufficcjali fejn hemm timbru ta’ gurament tal-hatra. Jispjega li vera li fuq it-timbru ma hemmx miktub ismu, izda ma kienx hemm lok ghal dan peress illi mill-korp tal-Ittra Uficcjali, jirrizulta li dan l-istess att gie konfermat minnu.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi s-sub artikolu (2) tal-artikolu 166A tal-Kap 12 jipprovdi li:-

*(2) “The creditor shall proceed by filing a judicial letter which shall be drawn up in the form established by legal notice by the Minister responsible for Justice and the content of which shall be confirmed on oath by the creditor, either before the registrar or legal procurator appointed as Commissioner for Oaths under the Commissioners for Oaths Ordinance, to be served upon the debtor wherein shall be stated clearly, under pain of nullity, the cause of the claim, the reasons why the claim should be upheld, and a statement of facts in support of the claim:”*

Illi ghalhekk jirrizulta li dak li tesigi l-ligi, huwa biss li r-rikors ikun guramentat mill-kreditur quddiem Kummissarju tal-gurament (u f’dan il-kaz Dr. Zammit Pace huwa is-segretarju tas-socjeta ntimata li hija l-kreditrici) u li fir-rikors ikun hemm miktub ir-raguni ghat-talba. Illi f’dan il-kaz tirrizulta li qieghda hemm ukoll u cioe hemm talba ghal hlas tas-somma ta’ €1913.36 rapprezentanti prezz ta’ servizz rezi mis-socjeta ntimata lir-rikorrenti.

Il-ligi mkien ma tghid li l-att li jigi notifikat lid-debitur ghandu jkollu l-istess timbru li ghandu l-original. Fil-kopja tal-Ittra Ufficcjali li rcieva r-rikorrenti jirrizulta wkoll li hemm kreditur li ha gurament li ghandu jiehu minghand ir-rikorrenti.

Illi skond is-sentenza fl-ismijiet **Borg vs Accountant General** deciza nhar is-sittax (16) ta' Frar 1993 mill-Qorti tal-Appell gie deciz li:-

*"Il-konvenut m'ghandu ebda dritt jikkontesta l-awtorita tar-rappresenant tal-kumpanija peress illi din hija materja li tikkoncerna biss lil kumpanija u l-azzjonisti taghha*."

Dan ir-ragunament gie konfermat fis-sentenza kwotata mill-intimat fl-ismijiet **Perry Limited vs Maryrose Micallef** deciza nhar l-wiehed w ghoxrin (21) ta' Marzu 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Huwa n-nuqqas ta' gurament innifsu li jrendi l-att null.

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess, il-Qorti qieghda tichad it-talba rikorrenti sabiex tiddikjara null u bla effett l-Ittra Ufficcjali li giet prezentata l-Qorti nhar s-sbatax (17) ta' Frar 2009 mis-socjeta ntimata kontra r-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------